VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,171, 22 ta' Novembru, 2013
Taqsima B

A.L. 407 tal-2013

ATT DWAR IL-KONSERVAZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SAJD (KAP. 425)

Ordni tal-2013 dwar il-Ġestjoni tas-Sajd bil-Lampara

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 32 tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2013 dwar il-Ġestjoni tas-Sajd bil-Lampara.

(2) L-għan ta' dan l-Ordni huwa l-introduzzjoni u, fejn applikabbli, l-infurzar ta' sistema ta' permessi speċjali għas-sajd għal bastimenti tas-sajd li jagħmlu użu mill-għodda tas-sajd magħrufa bħala lampara, b'konformità mal-Artikolu 26(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94.

2. (1) F'dan l-Ordni, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd; Kap. 425.

"kapaċità għas-sajd" għandu jkollha l-istess tifsira kif provdut taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd, jew kull Regolament ieħor li jista' jemenda jew jissostitwixxi dak ir-Regolament;

"lampara" tfisser l-għodda tas-sajd li tinkludi dawl qawwi biex jattira l-ħut flimkien ma' tartarun tal-borża biex jaqbad il-ħut;

"permessi" tfisser il-permessi għas-sajd għall-bastiment tas-sajd li jagħmlu użu mill-għodda tas-sajd magħrufa bħala lampara kif stabbilit taħt l-artikolu 3;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"ir-Regolament" tfisser ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94, jew kull Regolament ieħor li jista' jemenda jew jissostitwixxi dak ir-Regolament.

(2) Ħlief kif xort'oħra provdut f'dan l-Ordni, it-tifsiriet mogħtija fl-Att għandhom jgħoddu għal dan l-Ordni.

Permessi għas-sajd bil-lampara.

3. (1) Qegħda titwaqqaf sistema ta' permessi għas-sajd mhux trasferibbli għall-bastiment tas-sajd li jagħmlu użu mill-għodda tas-sajd magħrufa bħala lampara, skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(2) Mingħajr preġudizzju għal kull projbizzjoni oħra skont il-liġi, fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni għandhom jingħataw permessi għal dawk il-bastimenti tas-sajd li jkollhom:

(a) liċenza tas-sajd valida biex il-bastiment jopera fl-ibħra tas-sajd maħruga taħt l-Att u li kienet fis-seħħ fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni; u

(b) permess maħruġ mid-Direttur biex isir użu mill-għodda tas-sajd magħrufa bħala lampara li kien fis-seħħ fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni.

(3) Il-kapaċità għas-sajd li toħroġ mill-permessi mogħtija taħt is-subartikolu (2) għandha titqies bħala l-kapaċità għas-sajd massima li tista' tiġi allokata taħt dan l-Ordni.

(4) Id-Direttur ma għandux joħroġ permessi oħra li jwasslu biex il-kapaċità għas-sajd teċċedi dik mogħtija taħt is-subartikolu (3).

(5) Il-permessi maħruġa taħt dan l-Ordni għandhom ikunu validi mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena u għandhom jiġġeddu fl-1 ta' Jannar ta' kull sena.

(6) Id-Direttur jista', għall-konservazzjoni sostenibbli u għall-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut, kif ukoll għal dawk l-għanijiet u r-responsabbilitajiet kollha provduti taħt l-Att u għall-iskop li jintlaħqu dawk l-għanijiet kif stabbiliti fil-pjanijiet ta' ġestjoni adottati permezz tal-Ordni dwar l-Implimentazzjoni u l-Infurzar ta' Ċertu Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sajd:

L.S. 425.09

(a) jordna s-sospensjoni temporanja ta' xi permess jew tal-permessi kollha maħruġa taħt dan l-Ordni; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) jipprovdi għal skema ta' allokazzjoni tal-isforz tas-sajd.

Setgħat tad-Direttur.

4. Id-Direttur għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan l-Ordni u għal tali għanijiet għandu jkollu dawk is-setgħat kollha pertinenti għal tali Direttur taħt l-Att.

Ħtiġiet tal-bastimenti tas-sajd li jagħmlu użu mill-għodda tas-sajd magħrufa bħala lampara.

5. Mingħajr preġudizzju għal xi reat jew piena oħra stipulati minn kull liġi oħra applikabbli, fil-każ ta' bastimenti tas-sajd li għandhom permess biex jagħmlu użu mill-għodda tas-sajd magħrufa bħala lampara taħt dan l-Ordni, in-nuqqas ta' tħaris ta' dan li ġej għandu jikkostiwixxi reat kriminali kontra l-Att:

(a) kull bastiment tas-sajd għandu jkun mgħammar b'sistema ta' rintraċċament li taħdem bi sħiħ kif jista' jiġi speċifikat mid-Direttur;

(b) kull bastiment tas-sajd huwa meħtieġ li jkollu ġurnal ta' abbord kif provdut fil-permess, kif validament fis-seħħ minn żmien għal żmien, u tali ġurnal ta' abbord għandu jkun mimli bid-dettalji rilevanti kollha;

(ċ) kull bastiment tas-sajd għandu jiżbarka f'port imsemmi kif speċifikat fil-permess, kif validament fis-seħħ minn żmien għal żmien.

Reati u pieni

6. (1) Kull persuna misjuba ħatja li wettqet reat kriminali taħt l-artikolu 5 jew li stadet bl-użu tal-għodda tas-sajd magħrufa bħala lampara mingħajr permess maħruġ taħt dan l-Ordni teħel multa ta' mhux aktar minn għaxart elef ewro (€10,000).

(2) Fil-kalkolu tal-ammont tal-multa li għandha tkun imposta taħt is-subartikolu (1), il-Qorti għandha tikkunsidra l-preġudizzju kkawżat lir-riżorsi tas-sajd u lill-ambjent marin, kif ukoll is-sitwazzjoni ekonomika tal-akkużat u kull ripetizzjoni ta' ksur tal-liġijiet relatati mas-sajd.

(3) F'kull każ li jinvolvi reat kriminali taħt dan l-artikolu, il-massimu tal-piena ma għandux jeċċedi l-massimu tal-piena previst fl-artikolu 32 tal-Att.

Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd huwa responsabbli għar-reati kriminali taħt dan l-Ordni.

7. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd huwa responsabbli għar-reati kriminali kollha taħt dan l-Ordni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-penali amministrattiva taħt l-Att mhix applikabbli.

8. Ir-reati kriminali kollha taħt dan l-Ordni għandhom jitqiesu li mhumiex ta' natura ħafifa għall-iskopjiet tal-artikolu 34 tal-Att.

Tħassir. L.S. 425.01

9. Ir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar is-Sajd huwa b'dan imħassar.